MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 316/2011

Kawza fil-lista: 35

**A B C**
**vs**
**D E sive E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Dicembru 1972, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal li llum huma maggjorenni, u li l-manteniment ghalihom u ghall-konvenuta dejjem gie mhallas u m' hemmx arretrati dovuti;

Illi l-partijiet huma legalment separati b' kuntratt ippubblikat minn Nutar Mary Camilleri Cutajar fil-15 ta'

April 1997, kif sussegwentement modifikat fit-18 ta' Marzu 2011 ;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn erba' snin, u m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-konvenuta ddikjarat li m' ghanhiex oggezzjoni ghat-talbiet attrici, "salv il-verifika tal-kreditu tar-rikorrent [fil-konfront tal-ex principal tieghu] u provvediment opportun ta' garanzija ta' eventwali pagament, li minnu jispetta nofsu lill-intimata.."; iddikjarat taqbel li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erbgha snin, u li uliedhom illum huma maggjorenni "u ma hemm ebda pagament ta' manteniment arretrat."

Rat l-att tal-kawza;

Semghet lill-attur bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha. Jigi osservat li l-pretensjoni tal-konvenuta rigward kreditu

dovut lill-attur mill-ex principal tieghu ma tinkwadrax fid-dispost ta' l-artikolu precitat.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------